**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz 409/2016**

**DZ**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd**

**(30053)**

**Seduta tal-11 t'April, 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** ipprezentat fis-17 ta' Awwissu, 2016, fejn l-ilmentatur, DZ, jilmenta li kien tkellem ma' Lorna Pace, rapprezentanta ta' *GlobalCapital* u kienet qaltlu li l-*PATF-2* huwa *capital guaranteed* u ma hemmx *exit fee* wara 5 snin.

Jilmenta li, fil-fatt, xorta hallas l-*exit fee* ta' €617.26 u GBP534.23, avolja gibidhom wara sitt (6) snin.

L-ilmentatur jippretendi l-flus li tilef mill-kapital originali ta' €3,272.14, inkluz l-*exit fee* ta' €617.26 u GBP3,868.07, inkluz *exit fee* ta' GBP534.23, flimkien mal-interessi dovuti.

**Ra r-risposta tal-provditur li tghid:**

1. Illi preliminarjament, jigi rilevat ghal fini ta' kjarezza illi l-eccepjenti rceviet ittra mill-OAFS, datata 30 ta' Awwissu, 2016, liema ittra indikat ilment kontra l-eccepjenti sottomess mill-ilmentatur; madanakollu jirrizulta illi l-ilment odjern huwa indirizzat lejn "*Global Capital*" u certu Lorna Pace; ghaldaqstant, filwaqt li teccepixxi li "*Global Capital*" hija ditta u mhux socjeta` b'personalita` guridika distinta u ghalhekk l-ilment kif dedott ma

jistax jigi milqugh u ghandu jigi michud bhala irritwali, l-eccepjenti qed tqajjem ukoll is-segwenti eccezzjonijiet ghal kull buon fini;

2. Illi s-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza taht il-Ligi, partikolarment l-Artikoli 19(1) u 21(1) tal-Kap. 555, li jisma' l-ilment odjern in kwantu "*Global Capital*" bhala ditta ma ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk mhix u qatt ma tista' tkun "*provditur tas-servizzi finanzjarji*" u kwindi l-ilmentatur ma huwiex "*klijent eligibbli*" fil-konfront ta' "*Global Capital*" kif citata fl-ilment odjern;

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika stante illi "*Global Capital"* bhala ditta qatt ma rrendiet ebda servizz lill-ilmentatur;

4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi "*Global Capital*" bhala ditta mhix il-legittimu kuntradittur tal-ilmentatur u dan kif jirrizulta ampjament mid-dokumenti annessi mal-ilment odjern, u lanqas qatt ma setghet "*Global Capital"* bhala ditta taghti tali servizzi stante li "*Global Capital*", bhala entita guridika, ma tezistix;

5. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija intempestiva, u dan stante illi l-azzjoni odjerna giet proposta l-ghada li intbaghtet talba ghal rizarciment, li naturalment ma seta' jkun hemm ebda ezitu sa ma gie intavolat dan l-ilment;

6. Illi preliminarjament, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont illi, kif qieghed jigi inferit mill-ilment odjern l-ilmentatur investa fuq allegata weghda ta' kapital garantit u li ma hemmx *exit fees*, u ghaldaqstant li l-kunsens tieghu gie vizzjat, l-eccepjenti qieghda tinvoka l-preskrizzjoni ta' sentejn abbazi tal-Artikolu 1222(1) *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta wkoll ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li seta' garrab l-ilmentatur huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-krizi finanzjarja li d-dinja dahlet fiha fl-2008 (Lehman Brothers falla fil-15 ta' Settembru, 2008);

10. Illi, fil-mertu,u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti ma jistghux jinsabu responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li ma kienux jiggestixxu; u dan apparti l-fatt li l-fornitur ta' servizzi finanzjarji jagixxi bhala intermedjarju biss bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur ghax-xiri tal-investiment;

11. Illi f'kull kaz, l-investitur ma jistax jitlob kumpens ghal prodotti li ghazel hu stess li jbiegh u, occorrendo, li jerga' jinvesti;

12. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentatur, u dan stante illi l-eccepjenti qatt ma weghdu jew b'mod iehor inducew lill-ilmentatur jemmen illi l-investiment de quo kien '*capital guaranteed*' u li ma hemmx '*exit fees*';

13. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf verament soffert mill-ilmentatur, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li l-ilmentatur garrab xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni b'daqshekk ma jsegwix illi l-eccepjenti huma responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi apparti minn hekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatur lanqas ma jista' jippretendi illi kieku investa flusu f'investiment iehor il-kapital kien ser jibqa' shih;

14. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-ilment huwa dwar l-*exit fees* li allegatament sofra l-ilmentatur, minhabba l-fatt, kif allega, illi intqal lilu li ma kienx hemm *exit fees* wara 5 snin, ir-rimedju ghandu jkun limitat, semmai, ghar-rifuzjoni tal-*exit fees* imhallsa, u mhux tat-telf kapitali, li ma jirrizultax li huwa l-ilment proprju;

15. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ilmentatur kien accetta u rrikonoxxa li, f'cirkostanzi ta' krizi finanzjarja dinjija, l-amministraturi tal-*Fund* kienu applikaw *Redemption Penalty* bhala dizincentiv biex l-investiment jinbiegh, u dan sabiex l-istess investiment jigi protett, u ghaldaqstant, tali accettazzjoni tipprekludi lill-ilmentatur milli jressaq talba ghal rifuzjoni/rizarciment ta' tali *exit fees*.

16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' x-xhieda**

**Ra d-dokumenti esebiti**

**Jikkonsidra:**

Illi l-ewwel haga li jrid jiddetermina l-Arbitru hija l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tieghu.

Il-provditur tas-servizz jghid, fil-hames eccezzjoni tieghu, illi: *'l-azzjoni hija wahda intempestiva u dan stante li l-azzjoni odjerna giet proposta l-ghada li ntbaghtet talba ghal rizarciment li, naturalment, ma seta' jkun hemm ebda ezitu sa ma gie intavolat dan l-ilment.'*

Din l-eccezzjoni tinpingi direttament fuq il-gurisdizzjoni tal-Arbitru, u ghalhekk l-Arbitru jrid jiddeciedi din l-eccezzjoni qabel kull eccezzjoni ohra peress li l-Kap. 555, Artikolu 21(2)(b), jaghmilha cara illi l-Arbitru ma jistax jiehu kaz jekk l-ilmentatur ma jkunx ta zmien ragonevoli lill-provditur tas-servizz biex jittratta l-ilment tieghu.

Artikolu 21(2) jghid li l-Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-Att meta :

'(b) *ikun jirrizulta li l-klijent naqas milli jikkomunika s-sustanza tal-ilment lill-provditur tas-servizz finanzjarju involut u ma jkunx ta opportunita` ragonevoli lill-provditur tas-servizz finanzjarju sabiex jittratta l-ilment qabel ma jkun ressaq l-ilment mal-Arbitru.'*

Dan ifisser li mhux biss li l-ilmentatur irid ikun ressaq l-ilment tieghu quddiem l-istess provditur tas-servizz, imma jrid jaghti ***'opportunita` ragonevoli lill-***

***provditur tas-servizz sabiex jittratta l-ilment tieghu'*** *u dan '**qabe**l ma jkun ressaq l-ilment mal-Arbitru'.*

Mid-dokumenti fil-process jirrizulta li l-ilmentatur fetah il-kaz mal-Arbitru fis-17 t'Awwissu, 2016,[1] mentri huwa kiteb biex jilmenta mal-provditur l-ghada li pprezenta l-ilment.[2]

Fid-19 t'Awwissu, 2016, il-provditur tas-servizz irrisponda lill-ilmentatur li kien ser jinvestiga l-kaz tieghu.[3] U fis-26 t'Awwissu, 2016, il-provditur tas-servizz wiegbu li ma kienx qed jikkunsidra l-ilment tieghu.

Dan ifisser li l-ilmentatur ressaq il-kaz quddiem l-Ufficcju tal-Arbitru qabel ma ta zmien ragonevoli lill-provditur tas-servizz sabiex jinvestiga l-kaz tieghu.

Il-ligi hija cara li l-Arbitru ma jistax jikkunsidra kazi fejn l-ilmentatur ma jkunx ta opportunita` ragonevoli lill-provditur tas-servizz finanzjajru sabiex jistharreg il-kaz tieghu, u jara jekk ghandux, fil-fehma tieghu, ragun jew le.

Huwa wara dan l-istadju li l-ilmentatur ghandu jressaq il-kaz tieghu quddiem l-Arbitru, kemm-il darba ma jaqbilx mad-decizjoni tal-provditur tas-servizz, u mhux qabel.

Il-ligi dahhlet din il-procedura: li l-ilmentatur l-ewwel irid ikun ressaq l-ilment tieghu lill-provditur qabel ma l-Arbitru jista' jiehu konjizzjoni tal-kaz, ghaliex f'dan il-qasam hemm il-prassi u, f'kazi, l-obbligu tal-provditur tas-servizz li jinvestiga l-kaz bl-organi interni tieghu: ghaliex ikun fl-interess tieghu u tal-konsumatur li l-kaz jigi rizolt f'dan l-istadju bikri minghajr ma jkun hemm il-htiega li l-konsumatur imur quddiem l-Arbitru jew quddiem Qorti.

Il-provditur jaqbillu ghaliex ghandu nteress, jekk xejn, kummercjali li jirrisolvi l-kaz jekk il-klijent ikollu ragun; u l-konsumatur jirbah ukoll minn rizoluzzjoni bikrija tal-ilment li jkollu - ghaliex ikun solva l-kaz aktar malajr u minghajr hafna sforzi zejda.

Ghalhekk, l-Arbitru m'ghandux triq ohra hlief li jimxi mal-Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555, u jiddikjara li m'ghandux gurisdizzjoni li jittratta dan il-kaz.

Minhabba n-natura tal-kaz, u l-fatt li l-Ufficcju tal-Arbitru ghadu xi haga gdida ghal hafna nies, kull parti ggorr l-ispejjez taghha ta' dan il-kaz.

---

[1] Timbru tal-Ufficcju tal-Arbitru a fol 1
[2] A fol 24 u 26
[3] A fol 29

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji